



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 9 ta' Diċembru 2011
(OR. en)**

18107/11

**Fajl Interistituzzjonali:
2011/0426 (NLE)**

**WTO 464
SERVICES 144
DEVGEN 332**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward ta' talba għall-għoti ta' eżenzjoni biex jingħata trattament preferenzjali lis-servizzi u l-fornituri tas-servizzi tal-pajjiżi l-inqas żviluppati

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea
fil-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ
fir-rigward ta' talba għall-għoti ta' eżenzjoni biex jingħata trattament preferenzjali
lis-servizzi u l-fornituri tas-servizzi tal-pajjiżi l-inqas żviluppati**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91, 100 u l-ewwel subparagrafu ta' 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu IX tal-Ftehim ta' Marrakesh li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) jistipula proċeduri għall-ġoti ta' eżenzjonijiet fir-rigward tal-Ftehimiet Multilaterali dwar il-Kummerċ fl-Annessi 1A jew 1B jew 1C għaldak il-Ftehim u l-annessi għalihom.
- (2) Intalbet eżenzjoni, li biha l-Membri tad-WTO jkunu jistgħu jagħtu trattament preferenzjali lis-servizzi u lill-fornituri tas-servizzi tal-pajjiżi l-inqas żviluppati, mingħajr ma jestendu l-istess trattament għal servizzi u fornituri ta' servizzi simili tal-Membri l-oħra kollha tad-WTO billi b'mod eċċezzjonali jidderogaw mill-obbligu fil-paragrafu 1 tal-Artikolu II tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi.
- (3) Huwa fl-interess tal-Unjoni Ewropea li tagħti l-appoġġ tagħha għal dik it-talba għal eżenzjoni u li għalhekk tikkonkludi parti min-negozjati tal-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp dwar is-servizzi, li hija ta' interess speċjali għall-pajjiżi membri l-inqas żviluppati.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Konferenza Ministerjali tad-WTO għandha tkun waħda ta' appoġġ għat-talba fil-paragrafu 3 tal-Artikolu IX tal-Ftehim ta' Marrakesh li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ għal eżenzjoni li tippermetti lill-Membri tad-WTO jagħtu trattament preferenzjali lis-servizzi u l-fornituri tas-servizzi tal-pajjiżi l-inqas żviluppati.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
